# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' April 2002

**Numru 1**

**Avviz. numru 412/01mm**

**Lloyds Malta Limited fil-kwalita' taghha ta' rapprezentant ex lege u ghalhekk ghan-nom tal-membri tal-Lloyds li flimkien jiffurmaw id-ditta assikurattrici ossija sindakat li jgib in-numru 1228 u jopera taht l-isem Octavian at Lloyds, Fogg Insurance Agencies Limited bhala rapprezentanti tal-istess ditta ossija sindakat kif jinsabu surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Paul Attard u l-istess Paul Attard**

**vs**

**Mario Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fis-7 ta' Mejju 2001 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallashom is-somma ta' Lm772.20c jew somma ohra verjuri danni minnhom subiti in segwitu ghall-incident stradali li gara fid-19 ta' Frar 2000 gewwa r-Regional Road bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni JBA 098 propjeta' ta' l-attur Paul Attard u misjuqa minn Mario Attard u assikurata b'polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta' attrici u l-vettura numru ta' registrazzjoni LAR 954 misjuqa mill-konvenut ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku prevja jekk hemm bzonn id-dikjarazzjoni li ghall-incident in kwistjoni kien responsabbli unikament il-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Frar 2001, dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-prezentata ta' l-avviz u ndirizzata lejn is-socjeta' assikurattrici tal-konvenut, Untours Insurance Agency Limited, bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Galea fejn eccepixxa:-

Illi t-talba kif dedotta ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li mhux minnu dak allegat u l-incident sehh biss tort ta' l-assikurat Paul Attard minhabba nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, sewqan traskurat, mperizja u attenzjoni u dan kif jigi pruvat fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku li gara fid-19 ta' Frar 2000 ghall-habta ta' l-ghaxra ta' filghaxija bejn l-karozza JBA 098 misjuqa minn Mario Attard u propjeta' ta' missieru Paul Attard u l-karozza LAR 954 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara fuq Regional Road meta z-zewg vetturi kienu qieghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni, izda gie allegat illi l-karozza tal-konvenut invadiet il-karreggjata tal-karozza misjuqa minn Attard u sar l-incident.

Mario Attard xehed li huwa kien ghadu kif hareg minn taht il-mini fid-direzzjoni ta' St Andrews u ried imur Paceville. Kien qed isuq fuq in-nahha tax-xellug tat-triq bil-karozza misjuqa mill-konvenut fuq il-lemin tieghu. Hin minnhom il-karozza tal-konvenut qabzet lejn ix-xellug u giet quddiem ta' Attard. Il-konvenut ghamel din il-manuvra minghajr preavviz ta' xejn u minghajr ma xeghel l-indicator. Il-karozza ta' Attard issubiet hsarat fuq quddiem, il-ponta tal-lemin, waqt li l-karozza misjuqa mill-konvenut kellha l-hsarat fuq wara, l-ponta tax-xellug. Peress illi Paul Attard kien assikurat comprehensive, ghamel talba lill-kumpanija assikurattrici tieghu illi baghtet lis-Surveyor Alfred Farrugia. Wara s-survey (fol 21) il-kumpanija assikurattrici awtorizzat it-tiswijiet. B'kollox id-danni lahqu s-somma ta' sebgha mija tnejn u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm772.20c).

Mario Attard huwa korroborat b'din il-versjoni minn Marisa Camilleri u Ian Francalanza illi kienu mieghu dak il-hin. It-tnejn xehdu illi l-konvenut qabad u biddel il-lane tieghu minghajr preavviz b'mod illi ma setghux jevitaw illi jibqghu dehlin go fih.

Il-konvenut minnaha l-ohra jghid li filwaqt li kien minnu li huwa biddel il-lane, pero' dana ghamlu wara illi uza l-indicator u accerta ruhu li ma kien hemm hadd fuq ix-xellug tieghu. Terga, huwa kien diga lahaq qabad it-triq sew meta f'daqqa wahda dahlet il-karozza misjuqa minn Attard go fih minn wara.

Ikkunsidrat:

Illi minn dawn iz-zewg versjonijiet il-Qorti jidhrilha illi dik moghtija minn Mario Attard hija aktar veritjera. Apparti l-fatt li hija kkorroborata minn zewg xhieda ohra, jibqa' l-fatt illi jidher il-konvenut kien daqsxejn traskurat meta gie biex ibiddel il-lane peress illi meta ma accertax ruhu illi kien hemm karozzi fuq ix-xellug tieghu meta gie biex jaghmel din il-manuvra.

Il-konvenut ighid illi qabel ma ghamel hekk hares fil-mera biex jaccerta ruhu illi setgha jaqsam. Evidentement ma harisx sew jew inkella ma kkalkolax id-distanza bejn il-karozza tieghu u dik misjuqa minn Attard. Fi kwalunkwe kaz, ir-responsabbilta' hija tieghu ghax kien hu illi biddel id-direzzjoni tal-karozza u nvada karreggjata ta' karozza ohra. Kif qal il-konvenut dak il-hin kien hemm hafna vetturi sejrin fid-direzzjoni ta' Paceville u kien qed isegwi serbut illi kien miexi bilmod. Evidentement, ma kellux

pacenzja jistenna u ried ibiddel il-lane halli jasal ghad-destinazzjoni tieghu kemm jista jkun malar, biex b'hekk ukoll jaqbez il-queue kollu li kien hemm jistenna wara l-lights.

Il-Qorti temmen li n-nuqqas ta' pacenzja tal-konvenut hija abbinata ma' element ta' traskuragni, kombinazzjoni illi hija letali illi zgur ser twassal ghal incident. Ma jistax ikun illi jkollok sitwazzjoni fejn sewwieq jaqbad u jbiddel lanes minghajr ma jiehu l-prekawzjonijiet necessarji, aktar u aktar meta jkollok toroq affollati bhalma kienet Regional Road dak il-hin. Il-Qorti jidhrilha illi dan l-element ta' traskuragni da parti tal-konvenut wassal sabiex holoq dan l-incident u kkawza d-danni reklamati mill-atturi. Fuq dawn id-danni ma jidhirx li hemm kontestazzjoni peress illi saru l-kawteli necessarji bic-certifikat tas-surveyor illi awtorizza l-hsarat subiti f'dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-incident li gara fid-19 ta' Frar 2000 fl-ghaxra ta' filghaxija gewwa Regional Road, San Giljan bejn il-karozza JBA 098 misjuqa minn Mario Attard u l-karozza LAR 954 misjuqa mill-konvenut, ghal liema ncident huwa responsabbli unikament u esklussivament il-konvenut minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' sebgha mija tnejn u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm772.20c) u

konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi din is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg